# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 1/2025

29 ta' Jannar, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fl-4:30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera (b'mod virtwali) |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi-Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qal li l-Viċi Sindku ma kienx jiflaħ u li kien qed jitlob li jiġi skużat mil-laqgħa. Il-Kunsill qabel li jiġi skużat.

**1.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

1.1.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera Claire Zammit ref punt 15.1.4 (Kunsill tat-Tfal) jekk il-plakka kinitx għandha u jekk kelliex feedback fuq il-laqgħa tat-tfal li kienet saret fix-xahar ta' Jannar. Il-Kunsilliera Claire Zammit kkonfermat li kellha tgħaddi l-plakka l-Kunsill u li l-ewwel laqgħa tal-Kunsll tat-tfal kienu ħadmu sabiex joħolqu arma għall-istess Kunsill. Il-Kunsilliera Claire Zammit għarrfet li l-Kunsill tat-Tfal kienu ser jżommu l-minuti tal-laqgħat u li wara t-tielet laqgħa dawn kienu ser javviċinaw lill-Kunsill sabiex jagħtu rendikont sħiħ lil Kunsill Lokali ta' x'kien ġie diskuss.

1.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 15.1.5 (Major *Cleanup*), il-Kunsill kompla jnaddaf fejn saret il-*Cleanup* kif ukoll tella' filata ġebel bħala lqugħ għall-ħamrija u żdiedet il-ħamrija ukoll.

Il-Kunsillier Kurt Debono staqsa jekk kienx hemm l-idea' li jsiru l-bankijiet fl-istess post fejn saret il-Major *Cleanup*. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kienx kontra li jsir passaġġ u xi bankijiet pero' qabel ma tittieħed deċiżjoni l-Kunsill kellu jara mal-MIA sabiex naraw jekk kienx hemm bżonn ta' permess biex isir dan.

1.1.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien iffirma ftehim mal-Għammieri li kienu ser jagħtuna ammont ta' siġar. Huwa spjega li l-Kunsill kellu jara n-numru ta' sigar li l-Kunsill kien ser jibbenfika minn din l-iskema.

1.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 15.1.7 (zebra crossing Triq il-Karwija) kienet ġiet approvata. Huwa spjega li l-Kuntrattur diġa' kien applika ma' Transport Malta sabiex isir it-trenching, u hekk kif ikollna konferma li ser jibda bix-xogħolijiet nkunu nistgħu naplikaw għal wardens.

1.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 15.2.1 (għassa tal-pulizija) l-Kunsill kien għadu ma kienx rċieva l-ebda risposta rigward il-proposta li l-għassa terġa' tgħaddi f'idejn il-Każin. Is-Sindku spjega li huwa kien iċċekkja ma' Kunsilli oħra sabiex jara jekk il-*Community Police* kienux iħallsu sabiex jagħmlu użu mill-*premises* tal-Kunsill u milli jidher il-*Community Police* imkien ma kienu qed iħallsu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niktbu lill-Kummissarju li

l-ftehim kien li l-*Community Police* jistgħu jagħmlu użu mill-premises tal-Kunsill sakemm jirranġaw l-għassa u naraw minn hemm.

1.1.6 Is-Sindku qal li ref punt 15.2.3 (*underground parking* fi Ġnien Dun Karm Vella) il-Kunsill kien ikkonferma li d-disinn tal-Ġnien Dun Karm Vella seta' jsir sabiex ma jintilifx aktar żmien. Is-Sindku kkonferma li diġa' kien qiegħed f'kuntatt mal-Perit li ġie mqabbad mill-Aġenzija Project Green sabiex jaħdem fuq id-disinn tal-ġnien.

1.1.7 Is-Sindku qal li ref punt 15.2.5 (*culverts* fi Triq Qerd in-Naħal) kien attenda *site meeting* mal-Perit ta' IM u l-Perit tal-Public Works. Is-Sindku qal li l-Public Works diġa' kienu għamlu survey minħabba l-*culverts* u li x-xogħolijiet tal-*culverts* u l-asfaltar mill-ġdid tat-triq għandhom sippost isiru din is-sena minn IM.

1.1.8 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Kurt Debono rigward it-3 servizzi ta' trasport li kien ser jorganizza l-Kunsill għal festi ta' San Pawl tal-Belt, Birżebbugia u r-Rabat. Il-Kunsillier Kurt Debono għadda kopja tal-poster li kellu joħroġ minħabba din l-attivita' u qal li huwa diġa' kien ġabar kwotazzjonijiet għal servizz tat-trasport u li l-għada kien ser jinforma lill-Kunsill kemm setgħu jirreġistraw nies biex jattendu għal din il-ħarġa.

1.1.9 Is-Sindku qal li ref punt 15.6 (proġett horizon) il-Kunsill kellu laqgħa *online* mal-Engineer responsabbli. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ressaq il-proposti tagħna rigward it-*traffic management* li jmur lil hinn minn *Phase 1 u* li ser inkunu qed nimplimentaw fil-futur. Is-Sindku spjega li jekk jintrebaħ dan il-proġett il-Kunsill ikun jista' jagħmel studju akbar tal-immaniġjar tat-traffiku. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nissieħbu f'dan il-proġett.

1.1.10 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li ref punt 15.4.3 (*cats crossing*) it-tabella kienet twaħħlet.

**1.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

1.2.1 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 6 ta' Jannar, 2025 flimkien mal-Perit u s-Segretarju Eżekuttiv kien attenda għal laqgħa mal-ERA minħabba l-*underground parking* fi Ġnien Dun Karm Vella. Huwa spjega li l-Kunsill ressaq il-pjanti tal-parkeġġ u kif kien il-ħsieb li jsir l-*underground parking* cioe' li nħallu s-siġar tal-ġnub u nirrilokaw biss is-siġar tan-nofs. Is-Sindku kompla jispjega li l-ERA ma kkommettewx ruħhom u talbu li l-Kunsill jieħu parir ta' espert tas-siġar sabiex jagħmel rapport tas-siġar li għandna fin-nofs tal-Ġnien. Is-Sindku kompla jispjega li l-espert tas-siġar kien ġie fuq il-post nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar, 2025 u kien għamilha ċara li t-tip ta' siġar tac-cipress ma setgħux jiġu *transplanted* għaliex imutu u għalhekk jekk jinqalgħu trid issir *compensation plan* għal siġar ġodda. Is-Sindku qal li issa l-Kunsill kien għadda r-rapport tal-espert lill-ERA u issa l-Kunsill kien

qed jistenna risposta mill-ERA. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li qabel tittieħed deċiżjoni l-Kunsill jistenna r-risposta minn naħa tal-ERA.

1.2.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill ta' Ħal Safi, Żurrieq u Ħal Kirkop qed jieħdu sehem fil-proġett *Garden of Future Generation* ffinanzjat mill-Ministeru tal-Ambjent. Is-Sindku spjega li dan il-proġett ser ikun proġett apposta biex intejbu t-toroq tagħna u nagħmluhom aktar siguri għal min ikun irid jimxi speċjalment lejn l-iskola. Is-Sindku qal li nhar il-Ħadd 16 ta' Frar, 2025 ser tiġi organizzata mixja għar-residenti tal-lokal bejn l-4:00 u l-4:30 apposta sabiex ikunu jistgħu jwasslu x-xewqat tagħhom x'għandu jsir fil-lokal imbagħad wara ser isir *workshop* fis-sala tal-Kunsill.

1.2.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva stedina sabiex ningħaqdu *partners* fi proġett ma CERV mill-miniċipju ta' Lyaskovets fil-Bulgarija. Is-Sindku spjega li dawn il-proġetti jkun koperti 100% minn fondi Ewropej u ta dettalji kif jaħdmu dawn il-proġetti. Kunsill qabel li naċċettaw din l-istedina biex nissiebħu partners f'dan il-proġett.

1.2.3 Is-Sindku avża li nhar l-Erbgħa 5 ta' Marzu, 2025 mill-5:00 pm sat- 8:00pm. kienet ser issir mixja djoċesana ta' tama minn Ħal Safi saż-Żurrieq preseduta minn Mons Arċisqof.

1.2.4 Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 21 ta Jannar, 2025 kien attenda laqgħa mal-MTA. Huwa spjega li l-MTA kienu qed jaħdmu fuq *Interactive Maps* f'kull raħal ta' Malta u Għawdex. Il-Kunsill iddiskuta fejn l-aħjar teħel din il-mappa bil-probabilita' li l-post ideali jkun quddiem is-sorijiet.

1.2.5 Is-Sindku qal li xi ħbieb ta' persuna fil-bżonn li ser ikun qed jagħmel intervent barra minn Malta talbuh biex issir mixja u *Car Show*. Is-Sindku spjega li min qed jorganizzha kien qed jissuġġerixxi li ssir fi Triq il-Menqa sabiex ma taffettwax it-trasport pubbliku. Huwa qal li l-attività ser issir nhar il-Ħadd 16 ta' Marzu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nagħtu s-sapport tagħna bħal ma għamilna għal individwi oħra fl-imgħoddi.

1.2.6 Is-Sindku qal li l-Hadd ta' qabel il-laqgħa kien mar flimkien mal-Kuntrattur sabiex jippruvaw il-kimika sabiex jitnaddfu l-balavostri ta' fuq iz-zuntier. Is-Sindku qal li kienu pruvaw *sample* u milli jidher l-kimika kienet irnexxiet għalhekk kien talab stima għat-tindif tal-balavostri kif ukolll li tingħata bħala *protector* sabiex il-pori ma jibqgħux daqshekk purużi biex b'hekk il-balavostri jieħdu ftit aktar żmien sabiex jibqgħu fi stat tajjeb. Is-Sindku għadda l-kwotazzjoni lill-Kunsillieri. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsir ix-xogħol ta' tindif kif ukoll li tingħata l-protezzjoni fuq il-balavostri.

1.2.7 Is-Sindku qal li ħafna mis-siġar li għandna mar-raħal kien jinħtieġ li jerġgħu jinżabru. Hu qal li dan ix-xogħol sar madwar tlett snin ilu u talab li ssir lista ta' siġar li jinħtieġ li jinżabru sabiex inkunu nistgħu niġbru stima.

1.2.8 Is-Sindku qal li l-*contracts manager* kien għarrfu li l-Kunsill issa kellu tlett muturi tal-ħart u li l-kbir nett il-kunsill ma kellux aktar użu tiegħu. Is-Sindku qal li wieħed mill-ħaddiem interessat li jixtri l-istess mutur. Il-Kunsill qabel li nbigħuh u nagħmlu write off mil-lista tal-għodda.

1.2.9 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni minn *Projects Green* sabiex il-Kunsill jidentifika postijiet fejn jistgħu jitħawlu s-siġar. Huwa fakkar li l-Kunsill diġa' kien iffirma ftehim mal-Għammieri. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nidentifikaw il-postijiet fejn l-aktar jinħtieġ li nizirgħu s-siġar fosthom fi Triq Carmelo Caruana u l-post fejn il-Kunsill għadu kif naddaf u witta' bil-ħamrija sabiex il-post jieħu aktar dehra sabiħa u nadifa. Project Green kienet se tieħu ħsieb it-tisqija għall-5 snin.

1.2.10 Is-Sindku qal li fi Triq tal-Ajzar kien waqa' parti mill-ħajt tas-sejjieħ bil-konsegwenza li ħoloq periklu u nkonvinjent kbir. Is-Sindku qal li fil-fehma tieghu l-istess ħajt kien imminenti li jerġa' jaqa' għalhekk kien importanti li nirrappurtaw lill-Pulizija sabiex tittieħed azzjoni qabel ma jiġri xi nċident u jweġġa' xi ħadd. Il-Kunsill qabel.

1.2.11 Is-Sindku qal li l-Kunsill kellna tlett *towers* tal-kompjuters (MITA inventory numbers 300576 - 300578) ma jaħdmux li kellhom bżonn jintremew. Il-Kunsill qabel.

1.2.12 Is-Sindku qal li l-kont tad-dawl (ARMS a/c 1010 0019 1101) ta' Ġnien Sir Alexander Ball kien għadu jidher fuq l-ex Sindku Pietru Pawl Busuttil u kien jinħtieg li jinqaleb fuq il-Kunsill u ma jibqax jgħajjat individwu. Il-Kunsill qabel.

1.2.13 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 21 ta' Frar fis-6:15 pm, fis-sala tal-Kunsill kienu ser isiru żewg reċti qosra waħda fuq is-solitudini u oħra fuq iz-zekzik (gossiping). Is-Sindku qal li dawn ir-reċti ser ikunu bla ħlas u kulħadd mistieden.

1.2.14 Is-Sindku qal li fl-uffiċċju tiegħu kien jinħtieg jinxtara *desk* żghir għal kompjuter. Il-Kunsill qabel.

1.2.15 Is-Sindku qal li fis-29 ta' Jannnar kien attenda flimkien mas-Segretarja Eżekuttiv għall-konferenza stampa minn IM rigward l-iskema Vjal Kulħadd. Is-Sindku qal li l-proġett tat-tisbiħ ta' Misraħ il-Knisja li l-Kunsill kien applika għalih taħt din l-iskema kien fost il-proġetti li ġew magħżula sabiex jitwettqu minn IM.

Hawn il-laqgħa ġiet sospiża fis-6:05pm sabiex il-Kunsill għadda għal laqgħa pubblika.

Il-Laqgħa tal-Kunsill kompliet fis-7.42pm

**1.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

1.3.1 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li kollox kien lest sabiex nhar il-Ħadd 2 ta' Frar, 2025 ikun hawn il-bank tad-demm fil-pjazza tar-raħal. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera Joanna Abdilla jekk kinitx għamlet kuntatt mal-*Community Police* minħabba l-*clearance* tal-karozzi. Il-Kunsilliera kkonfermat li kellha tikkuntatjahom.

1.3.2 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li kienu kellmuha tal-Kazin minħabba l-ispejjeż għas-servizz tal-pulizija għaliex il-Każin kien għamel xi spejjeż. Is-sindku kkonferma li anke lilu kienu ikkuntattjaw u spjega li l-ammont mitlub kien anqas mill-ammont li kien fadal f'din l-iskema u għalhekk setgħu japplikaw għalihom kollha.

1.3.3 Il-Kunsillier Kurt Debono staqsa jekk il-Kunsill kienx infurmat meta ser jibdew bix-xogħolijiet fiċ-Ċentru Parrokjali għaliex ma setgħux jagħmlu pjanijiet konkreti minħabba f'hekk. Is-Sindku qal li l-ideal li nkellmu lill-*public works.*

Is-Sindku qal li s-sena l-oħra l-Kunsill kien tkellem mal-*Community Police* anke minħabba l-Via Sagra.

**1.4 Rapporti**

Approvazzjoni Budget għas-sena 2025

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-budget annwali għas-sena 2025 li kien ġie diskuss waqt il-laqgħa pubblika. Dan ġie approvat biex jiġi *uploaded*.

**1.5 Kalendarju Attivitajiet Kulturali 2025**

Is-Sindku talab lill-Kunsilliera Claire Zammit sabiex tagħti rendikont tal-attivitajiet li kienu ser isiru matul is-sena 2025.

Il-Kunsilliera ressqet il-lista tal-Attivitajiet Kulturali għas-sena 2025:

April 2025 – Kunċert 'Ikun li Trid Int' (Kor *Sine Macula*)
14 April 2025 – Via Sagra (Parroċċa Ħal Safi)
26 April 2025 – World Book Day (Safi Branch Library)
10 ta' Mejju 2025 – Stilla tal-Bigilla (Każin Banda San Pawl)

Lulju 2025 - Kunċert biex tiġi ċċelebrata l-ħajja ta' Fr Tony Pace (f'għeluq is-sena mill-mewt tiegħu) (Kor *Sine Macula*)
Ottubru 2025 – Kunċert fi Ġnien Sir Alexander Ball (Kor *Sine Macula*)
Ottubru 2025 – Serata Mużiko Letterarja – Kappella St. Maria (Parroċċa Ħal Safi)
Ottubru 2025 – Ġbir taż-Żebbuġ (Kunsill Lokali)
Novembru 2025 – Festa Familja (Kunsill Lokali)
Diċembru 2025 – Kunċert tal-Milied (Kor *Sine Macula*)

**1.6 Skema Karnival 2025**

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien tefa' l-applikazzjoni għall-Iskema tal-Karnival u li l-Kunsill kien ser jibbenfika €5000 għal din l-inizjattiva. Is-Sindku spjega li għal din l-inizjattiva l-Kunsill kien ser jorganizza festin għat-tfal bħas-soltu u wara l-festin kienet ser tiġi organizzata parata/sfilata minn ħdejn il-Kunsill għall-pjazza.

Is-Sindku qal li hekk kif il-Kunsill kien infurmat li ser nibbenfikaw mill-fondi l-Kunsill kien ibbukkja l-animation għal festin tat-tfal kif ukoll għal waqt il-parata.

**1.7 Korrispondenza**

Is-Sindku ressaq email mibgħuta mis-Sur Joe Demanuele fejn kien qed jilmenta li kellu nċident mal-bollard li hemm madwar is-siġra taż-żebbug fi Triq Santa Marija (faċċata tad-dar tal-Kappillan). Is-Sindku qara l-email lill-Kunsilliera. Il-Kunsill iddiskuta u s-Sindku ssuġġerixxa li għandna nweġbuh b'ittra minn avukat. Il-Kunsill qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet tlett kwotazzjnijiet sabiex issir tabella fi Ġnien Sir Alexander Ball. Il-Kunsill iddiskuta u qabel mal-orħos kwotazzjoni għall-ammont ta' €106.20.

Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-korrispondenza.

**1.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.55pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar, 2025 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| | |
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |